MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 10(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju 2013, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |

**Skuzat:** Steven Grech (S.G.)

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Permessi tal-Kiosks ghall-granet tal-festa 2013

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1 Permessi tal-Kiosks ghall-granet tal-festa 2013**

1.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara li fis-seduta precedenti, il-Kunsill Lokali kien ha decizjon illi ma jinhargux permessi ghall-kiosks u gabbani ghall-festa, l-istess Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' ilmenti minghand sidien ta' gabbani li fil-passat kienu jarmaw il-gabbani gewwa l-lokalita' ghall-okkazjoni tal-festa. Aktar min hekk, il-Kunsill Lokali kien ircieva xi ittri bl-avukat rigward l-istess materja, liema ittri kienu qieghdin izommu lill-Kunsill Lokali responsabbli ghal danni eventwali.

Is-Sindku zied jghid illi ghal dan il-ghan flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien ha hsieb illi jevalwa l-ligi sabiex jigi stabbilit jekk il-Kunsill Lokali kienx konformi u rrizulta li kien hemm modifika fl-avviz legali li permezz taghha d-distanza bejn il-gabbani u l-entratura ta' stabbilimenti li jbieghu ikel u xorb kienet tnaqqset minn 50 metru ghal 6 metri. Konferma tal-fatt illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali ma kenitx valida kienet waslet minghand is-Sur Michael Cohen, konsulent fi hdan is-Segretarjat Parlamentari ghall-Kultura u Gvern Lokali (li kien gie infurmat bil-kaz). Is-Sur Micallef qal illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jevlawa l-possibilita' illi jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

Is-Sur Angelo Micallef, wara li ezamina l-Avviz Legali qal illi fl-opinjoni tieghu, irrispettivament mix-xewqa tal-Kunsill Lokali, kellu jikkunsidra illi jirrevedi l-pozizzjoni tieghu. Dan ghaliex l-Avviz Legali ma kien jaghti ebda poteri lill-Kunsill Lokali biex jiehu decizjoni mod iehor.

Wara diskussjoni libera dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu illi l-permessi ghall-gabbani u kiosks ghall-festa 2013 kellhom jinhargu hekk kif kien isehh fil-passat. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tiehu hsieb tikkuntattja lis-sidien tal-kiosks u gabbani sabiex tinfurmahom bid-decizjoni mehuda

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**